FRAR 2019 - Nru. 469

Għandna paroli!

Wieħed żagħżugħ bagħat ittra lill-għarusa tiegħu, li kienet tgħid hekk:

Għalik nitla' l-
ogħla muntanja,
għalik ninżel fl-aktar
dagħbien fond,
għalik nonfoq flusi kollha,
għalik lest li nagħti ħajti.
Narak is-Sibt ...
jekk ma tkunx xita!

Aħna hekk nagħmlu kultant ma' Alla: ħafna paroli u wegħdi, imma mbagħad meta niġu għall-fatti, ninsew kulma wgħednieh. Imma l-imħabba vera ma għandiex paroli, imma fatti. Aħna kif inġibu ruħna ma' Alla u mal-oħrajn? Bil-fatti jew bil-paroli?

Qalbek iebsa biex taħfer?

Editorjal

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-ħaddiema

Nru. 469
Frar 2019

Ħbieb,
Qaluli li surmast kien jagħti premjijiet lit-tfal tal-klassi kollha biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm preferenzi. Jew kienet tintuża s-sistema tax-xorti biex bħal dejjem ma jsirux preferenzi. Imma darba s-surmast ried jippremjahom skont it-tjieba tagħhom. X'għamel: qassam erba' ħelwiet kull wieħed u mbagħad bagħat xi tfal minn klassi oħra jitolbuhom minnhom. Kien hemm min tahom waħda, min ta tnejn, anki min tahomlhom kollha! Imbagħad is-surmast qassam l-aħjar premjijiet li dawk li taw l-iżjed.

Ħbieb, meta Alla għad jagħmel ħaqq minna, nistennew li dan ikun marbut ħafna mal-qalb tajba jew ħażina li għandna. Dan ifisser li mqar meta għadna hawn, jista' jkonna ħjiel fuq jekk hux se nsalvaw jew le. Qalb tajba tista' tistenna s-salvazzjoni iżjed minn qalb iebsa li ma tafx tħobb, li ma tafx tagħder, li ma tafx taħfer.

Għal min għandu qalb tajba hemm tama qawwija li l-Mulej ma jkunx iebes miegħu f'jum il-ħaqq. Nisimgħu min jgħid li ma jistax jaħfer, jew ma jridx jaħfer lil min għamillu xi ħsara. Imma mbagħad, min iħoss hekk jistenna li l-Mulej se jaħfirlu! Min iħoss hekk, l-aħjar għalih hu li jitlob l-għajnuna t'Alla sabiex jasal għall-punt li jaħfer lil min għamillu d-deni.

Għax, ngħiduha kif inhi, min fil-Missierna qed jgħid 'aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina...' imbagħad iwebbes qalbu u ma jkunx irid jaħfer, qisu qed jgħid lil Alla: "Lili taħfirlix għax jien ma naħfirx." U min se jbati?

Issa tard wisq!

Fl-1874, ċertu Elisha Gray *(ritratt lemin)* ittrażmetta xi ftit noti mużikali permezz ta' *wire* tat-telegrafu. Għalhekk ikkonkluda li, jekk kien kapaċi jittrażmetti l-mużika, x'aktarx li kien se jirnexxilu jittrażmetti wkoll il-vuċi umana. Il-ġurnal "New York Times" meta sema' b'dak li għamel Gray irrapurtat il-possibbiltà li jkollna 'telegrafu jitkellem'. U n-nies saret anzjuża biex tisma' aktar żviluppi.

Sena wara Elisha Gray deherlu li wasal fejn ried u xtaq. Dam madwar xahrejn bla ma xandar li kien wasal fejn ried bl-invenzjoni tiegħu. U jaħasra, dan id-dewmien swielu qares! Araw għaliex.

Mela Gray iddeċieda li jmur bl-invenzjoni tiegħu fil-*patent office* biex jikseb id-dokument mill-Awtorità biex din l-invenzjoni tkun rikonoxxuta u rreġistrata. Iżda hemmhekk Gray ħa l-qatgħa ta' ħajtu, għax ġie mwaqqf fil-bieb, u b'għaġeb kbir għalih, qalulu li sagħtejn biss qabel daħal raġel ieħor li kellu l-istess invenzjoni bħalu.



Dak ir-raġel li daħal eżatt qablu ma kien ħadd ħlief il-Professur Skoċċiż Alexander Graham Bell *(ritratt xellug),* li waqt li kien fl-Università ta' Boston, l-Istati Uniti, kien wasal biex jivvinta s-sistema telefonika. Bell ingħata l-Għarfien tal-Invenzjoni u sar magħruf ma' kulħadd, waqt li Elisha Gray mhuwiex daqstant popolari. U dan, jaħasra, għal sagħtejn biss!

Irridu naħtfu l-opportunità fil-ħin. Min jittardja, jista' faċilment jitlef l-okkażjoni biex jagħmel il-ġid. Ma nħallux għal għada dak li nistgħu nagħmlu llum. Naħtfu l-okkażjoni bla dewmien.

Il-wasla ta' ġifen



'X'ħin ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard. Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu. In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mill-baħar, il-ġustizzja ma ħallitux jgħix!" Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn' (Atti 28, 1-5)

Kliem ta' kuraġġ għalina l-Maltin hu dan il-kliem sabiħ, miktub f'wieħed mill-Kotba tal-Bibbja, u li jittratta fuq l-imġieba ta' missirijietna mal-wasla fuq il-gżira tagħna ta' ġifen li nqabad f'maltempata kbira, b'276 ruħ fuqu, fosthom l-Appostlu San Pawl.

Iva, l-10 ta' Frar, hija festa għażiża għalina. Il-miġja ta' San Pawl fostna kien il-mod li bih il-Mulej Alla ħares lejn il-gżejjer tagħna u ħabb lilna l-Maltin u l-Għawdxin. Permezz ta' din il-miġja aħna rċevejna l-fidi nisranija fi stadju daqshekk bikri fil-ħajja tal-Knisja permezz ta' wieħed mill-aqwa appostli.

Imma żomm ftit. Ejja neżaminaw bir-reqqa fhiex inhi l-fidi tagħna llum. Għadha ħajja l-fidi tagħna fostna? X'qiegħed itellifna milli nuru li aħna tassew tal-Mulej Ġesù? X'qed nagħmlu min-naħa tagħna biex din il-fidi li suppost hi tant għażiża għalina l-insara, inwassluha lill-oħrajn li forsi tbiegħdu xi ftit jew wisq mill-Imħabba ta' Alla?

Mela waqt li niżżu ħajr lil Alla ta' dak kollu li għamel u qiegħed jagħmel magħna bla ma jistħoqqilna, naħsbu ftit u nirriflettu fuq l-eżistenza tal-fidi tagħna llum.

X'qallek l-ors ?

Raġel anzjan, li kien ibati biex jimxi, kien għaddej ma' sieħbu fil-bosk, meta f'daqqa waħda raw ors kbir riesaq lejhom. Sieħeb dan l-anzjan, bla ma ħasibha darbtejn, ġera b'kemm kellu saħħa u baqa' tiela' ma' siġra. L-anzjan ma seta' jagħmel xejn għajr li ntefa' minn tulu fl-art taparsi mejjet. L-ors resaq lejn l-anzjan mixħut mal-art, u għamel wiċċu miegħu. Wara ftit mumenti hekk, l-ors qam u baqa' sejjer bla ma għamel l-ebda ħsara lill-anzjan. Meta l-ors ma deherx iżjed, sieħeb l-anzjan niżel minn fuq is-siġra, mar ħdejn sieħbu u qallu b'nofs daħqa: "X'qallek l-ors?" U l-anzjan bil-kalma kollha wieġbu: "Qalli: prosit x'ħabib għandek! Meta int kont fil-bżonn tal-għajnuna tiegħu, malajr abbandunak u telqek". Leġġenda ħelwa, imma li fiha tagħlima kbira.

Ninsabu f'dinja li fiha ma nistgħux ngħixu mingħajr ħbieb, iżda mill-banda l-oħra, mhux faċli nsibu ħbieb veri minħabba l-egoiżmu li hawn jirrenja madwarna. Sabiex insibu ħbieb veri, l-ewwelnett irridu aħna stess inkunu ħbieb veri għal ħaddieħor. Il-veru ħabib huwa dak li jressqek lejn is-sewwa u jieħdok 'il bogħod mill-vizzju. Ħbiberija bbażata fuq il-logħob għall-flus, alkożożliżmu, droga, abbużi sesswali u kriminalità, mhijiex ħbiberija vera, għax din żgur twassal lil dak li jkun biex jispiċċa ħażin quddiem Alla u anke quddiem bnedmin oħra. Noqogħdu ferm attenti mela xi ħbieb għandna bħalissa, u waqt li nitbiegħdu malajr kemm jista' jkun minn ħbieb taparsi, ngħożżu lil dawk li huma ħbieb tagħna ta' veru.

In life, have a friend that is like a mirror and shadow:
a mirror doesn't lie, and a shadow never leaves.

Don't ask God to guide your steps
if you are not willing to move your feet.

L-Eżerċizzi tagħna qorbu ...

Din is-sena, dawn it-taħditiet ser isiru
bejn il-11 u l-15 ta' Marzu li ġej.
Bħas-soltu ser isiru
fil-Knisja ta' San Franġisk,
Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

Imexxi dawn l-eżerċizzi Fr. Ivan Attard, Dumnikan.
Ħudu nota ta' dawn il-ġranet sabiex tkunu tistgħu tattendu.

Data - **24 ta' Marzu li ġej**
Imexxi - **Fr Ivan Attard, Dumnikan**
Kulħadd jista' jattendi
Min hu interessat iċempel fuq in-numri tat-telefon - **21431464 jew 21440384**
Organizzazzjoni - **Grupp It-Triq**

IT-TRIQ twila u mimlija ħofor, tkissir u tumbati, imma meta jkun hemm l-għajnuna Divina, il-ħeġġa għax-xogħol, u s-sapport ta' kulħadd, dawn il-problemi kollha jintgħelbu u jintrebħu.

Kif fil-fatt seħħ tul dawn id-39 sena tal-fuljett tagħna u tagħkom li baqa' miexi 'l quddiem.
Fi Frar ta' kull sena nfakkru t-twelid ta' dan il-fuljett. Grazzi Mulej, u grazzi intom ħbieb tagħna.

Niżżel fid-djarju tiegħek

Il-Ġimgħa, 01.02.2019 - *L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar*

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù għandha tħeġġiġna sabiex f'xi ħin tal-ġurnata nattendu għall-quddies u naraw li nkunu ppreparati f'ruħna sabiex nitqarbnu;

Is-Sibt, 02.02.2019 - *L-Ewwel Sibt tax-Xahar*

Tkun ħaġa sabiħa li fl-ewwel Sibt tax-xahar nattendu għall-quddies u nkunu disposti li nitqarbnu, u ngħidu r-Rużarju b'devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija;

Il-Ħadd, 10.02.2019 - *Il-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl*

F'din l-okkażjoni tal-magħmudija ta' Malta, nifirħu waqt li nitolbu lil San Pawl Missierna sabiex isaħħaħna fil-fidi (hemm l-obbligu tal-quddies, barra l-fatt li hu l-Ħadd).

Mis-suq tal-ħajja

Is-suq dejjem suq! Imma sabiħ li nżuru! Għalhekk, u kif kont għaddej minnu, niltaqa' ma' dan il-prodott!

Mela darba, kappillan, mar ibierek għand wieħed Russu. U, dan ir-Russu, ta' Russu li hu, qallu: *Father, do you drink?* Il-Patri wieġbu: *No!* Għalhekk ir-Russu reġa' staqsieh: *Father, do you smoke?* Għal din il-mistoqsija l-Patri wieġbu għal darb'oħra: *No!* U fl-aħħar, ir-Russu, donnu telagħlu. Għalhekk dar lejn il-Kappillan u qallu: *Oh Father! If you don't drink and you don't smoke you die healthy!*

Kos hux! Nieħdu kemm nieħdu ħsieb saħħitna xorta waħda ġurnata jkollna mmutu! Għalhekk, ejja, filwaqt li nieħdu ħsieb saħħitna, nagħrfu ngawdu ħajjitna wkoll. Billi nħobbu lill-Mulej, lil xulxin u lilna nfusna! L-aktar meta nistrieħu kemm jinħtiġilna!

Mulej, fakkarni li rrid immut! Għalhekk fakkarni li kull qatra f'ħajti tgħodd! Għinni biex ħajti ngħożżha u ma naħlihiex fix-xejn. Amen.

Drops Of Laughter

Q: How do trees access the internet?
A: They log in.

Q: What do you call a bee that lives in America?
A: USB

Q: What nails do carpenters hate to hit?
A: Fingernails.

Bus driver to passenger: Don't you want to sit down?
Passenger: No, I am in a hurry!

Drops Of Wisdom

Don't dig up in doubt what you planted in faith.
Elizabeth Elliot

Hope is the only thing stronger than fear.

I trust God with my life. After all He gave it to me.

Whoever is trying to bring you down is already below you.

Din il-ħarġa ta' Frar qed niddedikawha lill-ħbieb tagħna għall-offerti li għamlu għall-fuljett It-Triq. Waqt li nirringrazzjawhom, aħna nwegħduhom it-talb tagħna.

Id-Direzzjoni

Jekk tixtieq twaqqaf l-abbonament tiegħek f'dan il-fuljett, nitolbuk tinforma lid-direzzjoni billi tiktbilna fl-indirizz postali jew elettroniku li jidhru hawn taħt.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil: Paul Schembri
Indirizz: 73 'Terezita' Triq Birbal Balzan BZN 9015
Tel: 21440384 e-mail: it-triq@camline.net.mt w: www.it-triq.org